# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 1226/2018/LSO**

**Hammad Mahmoud Mohamed Ahmed ID 0625817L**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Hammad Mahmoud Mohamed Ahmed ID 0625817L datat 7 ta' Dicembru 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mir-registratur Pubbliku bin-numru: 6258 tas-sena 2017 anness u mmarkat 'Dok A 1' il-kunjom jidher erronjament bhala: ‘Ahmed’ minnflok il-kunjom 'Hammad' u I-isem tieghu jidher ‘Mahmoud’ minnflok 'Mahmoud Mohamed Ahmed' li hu I-isem komplut tieghu;

Illi r-rikorrent dejjem gab il-kunjom u I-isem tieghu bhala ‘Hammad’ u 'Mahmoud Mohamed Ahmed' u dan kollu kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti mmarkati Dok B 02 sa Dok B 25 kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi r-rikorrent dejjem kien maghruf bil-kunjom u I-isem 'Hammad' u 'Mahmoud Mohamed Ahmed' rispettivament u dan huwa rifless fid-dokumenti ufficjali. L-istess familja kollha tar-rikorrenti jgibu I-istess il-kunjom 'Hammad' kif kien fil-fatt missieru u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi *nonostante* cioe' l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-kunjom u l-isem 'Ahmed Mahmoud' rispettivament;

Illi tali inkonsistenza kkawzat u qed tikkawza diffikultajiet lir-rikorrent peress li l-familja tieghu ghandhom kollha l-kunjom Najm;

Illi l-rikorrenti ghandu interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir d-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-kunjom u l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistenement maghrufa huwa 'Hammad' u 'Mahmoud Mohamed Ahmed' rispettivament u mhux 'Ahmed' u 'Mahmoud' rispettivament;

2. Tordna sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid, anness u mmarkat 'Dok A 01' mahrug mir-registratur Pubbiliku bin-numru: 6258 tas-sena 2017 anness u mmarkat 'Dok A 1' fis-sens li l-kunjom li jidher erronjament bhala: 'Ahmed' minnflok il-kunjom ghandu jkun 'Hammad' u l-isem tieghu li jidher 'Mahmoud' ghandu jkun ‘Mahmoud Mohamed Ahmed',

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens li kull fejn hemm l-isem l-kunjom li jidher erronjament bhala: 'Ahmed' minnflok il-kunjom ghandu jkun 'Hammad' u l-isem tieghu li jidher 'Mahmoud' ghandu jkun 'Mahmoud Mohamed Ahmed';

BI-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Frar 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-Avukat Generali datata 7 ta' Frar 2018 (fol 39) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero` jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-esponent jirrileva li huwa ma huwiex edott mill-fatt kif iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-attur twieled f'Kajro, l-Egittu nhar it-18 ta' Dicembru 1957 u sussegwentament tali twelid gie registrat gewwa Malta *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-Twelid tal-attur wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijet ta' Malta. Flimkien mat-talba li saret, li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'DRP 1', gew forniti wkoll id-dokumenti kollha *inter alia*, l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'DRP 2', 'DRP 3'. Ghaldaqstant l-esponent wara li kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-

Ligijiet ta' Malta sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi *stante* li fl-Att tat-Twelid esteru, u dan skont it-traduzzjoni fornita lill-konvenut, isem l-attur tnizzel bhala 'Mahmoud' u kunjom il-missier bhala '"Ahmed', id-Direttur kellu l-obbligu li fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid, inizzel l-istess informazzjoni;

5. Illi *stante* s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti esebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6258 tas-sena 2017, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

6. Illi l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa jirrimetti ruhu, salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan anke' jekk ghandu jsir permezz tan-nomina esperti jiddeterminaw ezattament l-isem tal-attur. Dan qed jinghad fid-dawl li l-isess kumpanija u cioe' MC Translate Malta, hejjiet traduzzjonijiet tal-istess dokument, izda b'ezitu differenti f'kull traduzzjoni.

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Ir-rikorrent u d-difensur tieghu msejhin tliet darbiet ma dehrux. Dr Stephanie Ellul irrimettiet ruhha ghar-rapport, izda zammmet ferm it-talbiet taghha fuq il-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-3 ta' Jannar 2019 (fol 38).

Illi r-rikorrent qed jitlob li l-isem u l-kunjom fl-att tat-twelid kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi jitnizzel il-kunjom Hammad u ismu ghandu jkun Mahmoud Mohamed Ahmed.

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f'dan is-sens, ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li *stante* li fl-att tat-twelid esteru tar-rikorrent u t-traduzzjoni tal-istess esebiti mar-risposta bhala Dok DRP2 u Dok DRP3, u giet imnizzla *ad verbatim* dak indikat fl-att esteru

billi isem ir-rikorrent tnizzel bhala "Mahmoud" u kunjom il-missier tnizzel bhala Ahmed.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi r-rikorrent esebixxa mar-rikors promotur, ic-certifikat tat-twelid rilaxxat mir-Registru esebit a fol 5 tal-process u dokumenti ohra relattivi.

L-att tat-twelid esteru tar-rikorrent mahrug mill-Awtoritajiet Egizzjani jinghata fiducja mill-Awtoritajiet Maltin bhala certifikat awtentiku. Huwa dan ic-certifikat li huwa d-dokument baziku li jista' jaghti l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghall-apprezzament finali tat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza (fol 47). Mir-rapport taghha esebit a fol 54 *et sequens* tal-process, debitament mahluf fid-9 ta' Mejju 2019, jirrizulta s-segwenti informazzjoni.

Illi wara li fliet l-att tat-twelid esebit a fol 5, l-esperta kkonkludiet li isem ir-rikorrent bic-car li hu Mahmoud u mhux Ahmed, izda minhabba l-uzanza fil-pajjizi Gharab isem il-persuna ikun jikkonsisti fi tlett ismijiet. Hi kkonkludiet ukoll, li skont dan l-istess dokument kunjom ir-rikorrent jidher li hu Hammad.

Ghalhekk, il-konkluzjoni tal-esperta traduttrici hi:

**Isem ir-rikorrent: Mahmoud Mahomed Ahmed**

**Kunjom: Hammad**

L-avukat difensur tad-Direttur intimat irrimettiet ruhha ghar-rapport tal-esperta skont verbal datat 20 ta' Mejju 2019.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa' t-talba tar-rikorrent ghall-korrezzjonijiet mehtiega.

Rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrent billi ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

Referibbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi tilqa' l-ahhar eccezzjoni tal-intimat dwar il-kap tal-ispejjez, u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-kunjom u l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistenement maghruf huwa 'Hammad' u 'Mahmoud Mohamed Ahmed' rispettivament u mhux 'Ahmed' u 'Mahmoud' rispettivament;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 6258 tas-sena 2017, fis-sens li l-kunjom ir-rikorrent ghandu jkun indikat bhala "Hammad" u mhux "Ahmed", u isem ir-rikorrent ghandu jkun indikat bhala "Mahmoud Mohamed Ahmed" .

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-intimat *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**